



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-14 ta' Frar 2020

Il-Kummissjoni ssodisfat ir-responsabbiltajiet tagħha rigward is-sikurezza nukleari skont it-Trattat Euratom, iżda jista' jsir titjib, jgħidu l-Awdituri

B'mod ġenerali, is-sikurezza nukleari taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri tal-UE li jużaw l-enerġija nukleari, iżda l-Kummissjoni Ewropea għandha wkoll responsabbiltajiet speċifiċi f'dan il-qasam, prinċipalment għal-leġiżlazzjoni u s-sorveljanza. Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kummissjoni Ewropea ssodisfat dawn ir-responsabbiltajiet, iżda għad hemm lok biex taġġorna l-qafas legali u l-linji gwida interni tagħha.

It-Trattat Euratom tal-1957 jirregola l-użu paċifiku tal-enerġija nukleari fl-UE. Id-detenturi tal-liċenzji (operaturi) ta' installazzjonijiet nukleari huma primarjament responsabbli għas-sikurezza tal-installazzjonijiet tagħhom, taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Fid-direttivi, il-Euratom stabbiliet standards bażiċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku inġenerali kontra l-perikli li jirriżultaw mir-radjazzjoni jonizzanti. Il-Kunsill jadotta u jaġġorna regolarment direttivi fl-oqsma tas-sikurezza nazzjonali, standards bażiċi għas-sikurezza, kif ukoll il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u l-fjuwil użat, b'segwitu għal konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissorvelja wkoll it-traspożizzjoni, min-naħa tal-Istati Membri, ta' dawn id-direttivi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u fejn ikun meħtieġ tagħti bidu għal proċeduri ta' ksur. Hija teżamina wkoll il-proġetti ta' investment fis-settur nukleari previsti fl-Istati Membri għall-kompatibbiltà tagħhom mat-Trattat Euratom. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tivverifika l-operat u l-effiċjenza tal-faċilitajiet tal-Istati Membri għall-monitoraġġ tal-livell ta' radjuattività fl-atmosfera, fl-ilma u fil-ħamrija. Barra minn hekk, hija topera, timmaniġġja u tiżviluppa s-sistema Komunitarja ta' Skambju ta' Informazzjoni Radjoloġika Urġenti (ECURIE), li ġiet maħluqa b'segwitu għall-aċċident li seħħ f'Chernobyl fl-1986, għall-iskambju ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza nukleari. L-awditu tagħna ffoka fuq l-attivitajiet tal-Kummissjoni, fuq il-bażi tas-setgħat u tar-responsabbiltajiet tagħha skont it-Trattat.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

“B’mod ġenerali, il-Kummissjoni ssodisfat ir-responsabbiltajiet tagħha f’dak li jirrigwarda s-sikurezza nukleari”, qal João Figueiredo, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. “Madankollu, aħna nirrakkomandaw li jiġu aġġornati l-qafas legali, l-approċċi u l-proċeduri li attwalment jintużaw għall-valutazzjoni tat-traspożizzjoni tad-direttivi Euratom, għall-ħruġ tal-opinjoni dwar investimenti fis-settur nukleari u għall-verifikazzjoni tal-faċilitajiet għall-monitoraġġ tar-radjuattività”.

L-awdituri eżaminaw il-kontrolli li l-Kummissjoni wettqet fuq l-implimentazzjoni, min-naħa tal-Istati Membri, ta’ tliet direttivi Euratom reċenti: id-Direttiva dwar l-Iskart Radjuattiv (RWD), id-Direttiva emendata dwar is-Sikurezza Nukleari (NSD), u d-Direttiva dwar Standards Bażiċi ta’ Sikurezza (BSSD). Għadd kbir ta’ Stati Membri kienu nnotifikaw lill-Kummissjoni, sad-data ta’ skadenza, dwar il-miżuri li ħadu biex jimplimentaw il-BSSD u l-NSD emendata. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha kienu implimentaw l-RWD b’mod korrett. Il-Kummissjoni kienet fetħet 15-il proċediment ta’ ksar korrispondenti, li fil-biċċa l-kbira minnhom kienu għadhom għaddejnin fiż-żmien meta wettaqna l-awditu.

Fi tmiem l-2019, kien hemm 124 reattur nukleari li kienu operazzjonali f’14-il Stat Membru tal-UE (inkluż ir-Renju Unit). Erbġħa minn dawn l-Istati Membri kellhom reatturi ġodda li kienu qed jinbnew. Fil-każ ta’ emerġenza radjoloġika, ir-rwol tal-Kummissjoni f’dak li jirrigwarda l-ġestjoni tas-sistema ECURIE huwa limitat, peress li l-arranġamenti għat-tnejn u r-rispons għal emerġenza jaqgħu taħt ir-responsabbiltà nazzjonali. Il-Kummissjoni kkomplementat is-sistema ECURIE permezz tal-Pjattaforma Ewropea għall-Iskambju ta’ Data Radjoloġika (EURDEP), li hija pjattaforma bbażata fuq il-web li tippermetti li l-awtoritajiet ikollhom disponibbli *data* ta’ monitoraġġ radjoloġiku kważi f’ħin reali. L-awdituri qiesu li, b’mod ġenerali, is-sistema kienet qed tiffunzjona tajjeb, għalkemm jista’ jsir xi titjib.

Fl-aħħar nett, l-awdituri osservaw li l-qafas attwali għall-ħruġ ta’ opinjonijiet dwar il-kompatibbiltà tal-proġetti ta’ investiment fis-settur nukleari mat-Trattat Euratom ma kienx aġġornat mal-aħħar żviluppi politiċi, leġiżlattivi u teknoloġiċi. Bl-istess mod, huma jirrakkomandaw li jiġu riveduti u msaħħa l-proċeduri li jintużaw għall-verifikazzjoni tal-effiċjenza tal-faċilitajiet nazzjonali għall-monitoraġġ tar-radjuattività.

Noti lill-Edituri

Il-leġiżlazzjoni internazzjonali dwar is-sikurezza nukleari hija bbażata fuq il-prinċipju fundamentali tar-responsabbiltà nazzjonali għas-sikurezza ta’ installazzjonijiet nukleari. Il-gvernijiet huma responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-sikurezza nukleari, filwaqt li l-operaturi tal-faċilitajiet nukleari huma, fl-aħħar mill-aħħar, responsabbli għas-sikurezza tal-faċilitajiet tagħhom. Fl-aħħar nett, l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) hija l-forum intergovernattiv globali għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika fil-qasam nukleari.

Fl-UE, it-Trattat Euratom tal-1957 stabbilixxa l-Komunità Euratom (Euratom) – entità legali separata, għalkemm il-membri tagħha huma wkoll il-membri tal-UE, u hija rregolata mill-istituzzjonijiet tal-UE. Fid-direttivi, il-Euratom stabbiliet standards bażiċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku iġenerali kontra l-perikli li jirriżultaw mir-radjazzjoni jonizzanti.

L-awditu tagħna ffoka fuq l-attivitajiet imwettqa mill-Kummissjoni skont it-Trattat Euratom. Aħna ma eżaminajniex il-qafas internazzjonali tas-sikurezza nukleari jew l-applikazzjoni tiegħu fl-Istati Membri, u ma analizżajniex l-aspetti tekniċi tas-sikurezza nukleari.

Preċedentement, il-QEA analiżżat il-programmi ta’ għajjnuna tal-UE għad-dekummissjonar ta’ impjanti nukleari fir-[Rapport Speċjali Nru 22/2016](#).

Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2020 *“Il-Kummissjoni tikkontribwixxi għas-sikurezza nukleari fl-UE, iżda jinħtieġu aġġornamenti”* huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport

Claudia Spiti - claudia.spiti@eca.europa.eu - T: (+352) 4398 45547 / M: (+352) 691 553547